**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 192**
**It-Tlieta, 9 ta' Jannar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – NEFQA FUQ RIGALI**

**12055. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li mhemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 192
09/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – NEFQA FUQ RIGALI**

**12056. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li mhemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 192
09/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – NEFQA FUQ RIGALI**

**12057. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li m'hemmx fond speċifiku li jismu rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra.

Seduta 192
09/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ L-ARTIJIET – NEFQA FUQ RIGALI**

**12058. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – NEFQA FUQ RIGALI**

**12059. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtha li minnhom tixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – NEFQA FUQ RIGALI**

**12060. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi fond mill-baġit ministerjali jew minn xi entità li taqa' taħtu li minnhom jixtri rigali tat-tiġijiet u/jew rigali oħra?

09/10/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**CHILD DEVELOPMENT ASSESSMENT UNIT (CDAU) - IMPJEGATI**

**13446. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati li jaħdmu fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) u x'inhi l-professjoni tagħhom? Kemm-il appuntament jingħata kuljum mis-CDAU u kemm minn dawn l-appuntamenti huma ġodda jew follow-ups? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ tas-CDAU?

14/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**CYPS – TFAL LI JIRĊIEVU SERVIZZ**

**13447. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li bħalissa qed jużaw is-servizzi taċ-Child and Young People's Services (CYPS)?

14/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**CYPS – LISTA TA' STENNIJA**

**13448. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'lista ta' stennija hemm għas-servizzi taċ-Child and Young People's Services (CYPS) u kemm hemm tfal li diġà għandhom appuntament? Jista' jgħid ukoll kemm qed ikun 'il bogħod dan l-ewwel appuntament u x'inhu ż-żmien medju bejn appuntament u ieħor?

14/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**CHILD AND YOUNG PEOPLE'S SERVICES (CYPS) - IMPJEGATI**

**13449. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm impjegati li jaħdmu fiċ-Child and Young People's Services (CYPS) u x'inhi l-professjoni tagħhom? Kemm-il appuntament jingħata kuljum u kemm minn dawn l-appuntamenti huma ġodda jew follow-ups? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ tas-CYPS?

14/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**GĦAWDEX – TINDIF TA' WIDIEN**

**13623. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm u fejn tnaddfu widien f'Għawdex matul is-sena 2023, fiex kien jikkonsisti t-tindif u kemm kienet l-ispiża fuq kull wied li tnaddaf? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu ffinanzjati minn fondi Ewropej u kemm kien l-ammont ta' finanzjament?

20/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**PUBLIC SERVICE AGREEMENT GĦAT-TRASPORT TA' PASSIĠĠIERI, KAROZZI U MERKANZIJA BEJN MALTA U GĦAWDEX**

**13624. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid f'liema xahar u sena hu maħsub li tiġi ppubblikata s-sejħa għall-Public Service Agreement għat-trasport ta' passiġġieri, karozzi u merkanzija bejn Malta u Għawdex, peress li dan il-ftehim issa ilu bosta snin li skada?

20/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI POSITIONS OF TRUST - SALARJI**
inisteru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Positions of Trust - Salarji

**13640. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13233, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi, jista' l-Minsitru jagħti ċ-ċifra mitluba u ċjoè kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw Position of Trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

21/11/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 192
09/01/2024

**ORDNIJIET TA' ĦARSIEN**

**13712. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ordni ta' ħarsien inħarġet mill-Qorti minn mindu daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, maqsuma sena b'sena u skont it-tip ta' ordni, mill-ħamsa li hemm?

22/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li skont id-data miżmuma mid-Direttorat għall-Promozzjoni tal-Minuri, l-Ordnijiet maħruġa taħt Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta mindu din l-istess liġi daħlet fis-seħħ f'Lulju 2020, it-tipi ta' ordnijiet li ħarġu sena b' sena huma kif elenkati hawn taħt.

1. 2020: 6 Ordni (kollha *Care Orders*) u 1 *Care Order* minuri mhux akkumpanjat (UMAS UMAS – tindika l-frażi ***Unaccomapnied Minors Asylum Seekers***, li tirreferi għal minuri mhux akkumpanjat illi qed ifittex l-ażil fil-ġżejjer Maltin. )
2. 2021: 38 Ordni (*Care Orders*) u 101 Ordnijiet ghall-UMAS
3. 2022: 216 Ordnijiet, mqassmin hekk:
    - i. 12 Ordnijiet ta' Emerġenza,
    - ii. 20 Ordnijiet ta' Ħarsien (*Care Orders*),
    - iii. 38 Ordnijiet proviżjonali – li baqgħu jinstemgħu fil-Qorti skont l-Art 18,
    - iv. 17 Ordnijiet ta' Superviżjoni,
    - v. 129 Ordnijiet ta' Ħarsien UMAS.
4. 2023: 115 Ordnijiet, mqassmin hekk:
    - i. 15 Ordnijiet ta' Emergenza,
    - ii. 27 Ordnijiet ta' Ħarsien (*Care Order*),
    - iii. 21 Ordnijiet ta' Superviżjoni (15 pendenti u 6 kkonfermati),
    - iv. 20 Ordnijiet proviżjonali,
    - v. 3 Ordnijiet tat-Tneħħija,
    - vi. 1 Ordni tat-Trattament,
    - vii. 28 Ordnijiet UMAS.

Seduta 192
09/01/2024

**AVUKAT TAL-MINORENNI**

**13713. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kull meta jidħol l-Avukat tal-Minorenni (Child Advocate) biex jiġi żgurat li qed jitħarsu d-drittijiet tal-minorenni?

22/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħhu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – DIRECT ORDERS**

**13843. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations

Seduta 192
09/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – DIRECT ORDERS**

**13844. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – DIRECT ORDERS**

**13845. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tagħha fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament tgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023
*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – DIRECT ORDERS**

**13846. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 192
09/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DIRECT ORDERS**

**13847. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13751.

Seduta 192
09/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRECT ORDERS**

**13848. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, maqsuma skont l-awtorità jew l-entità u għal kull direct order separatament jgħid meta ngħatat, kemm kien l-ammont, lil min tħallas, lil min ingħatat id-direct order u x'servizz kien ġie ingaġġat?

23/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**WIED IL-BUNI - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI**

**13885. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett mwiegħed tar-riġenerazzjoni ta' Wied il-Buni?

27/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**ĦATRA TAL-MEMBRI TAL-BORD TAT-TRASPORT MALTA - AVVIŻ**

**13886. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-avviż għall-ħatra tal-membri tal-Bord tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta deher tant tard fil-Gazzetta tal-Gvern u ċjoè fil-ħarġa tal-24 ta' Novembru 2023 meta skont l-istess avviż il-ħatra ta' dan il-Bord hi effettiva mit-2 ta' Awissu 2023 – jiġifieri kważi erba' xhur qabel ma deher dan l-avviż?

27/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - CT2247/2023**

**13887. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex tikkonsisti u għala nħasset il-ħtieġa li tinħareġ is-sejħa li ħareġ reċentement il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża CT2247/2023 - SERVICES - FRAMEWORK AGREEMENT FOR THE UPKEEP IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER OF VARIOUS WATER RESERVOIR SITES IN MALTA AND GOZO USED BY THE WATER SERVICES CORPORATION? Tista' tgħid ukoll min kien jagħmel dan ix-xogħol li hemm mitlub f'din is-sejħa f'dawn l-aħħar xhur u f'dawn l-aħħar għaxar snin?

27/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**IR-RABAT, GĦAWDEX - TRIQ SIR ARTURO MERCIECA**

**13888. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Peress li l-appell ġie deċiż u t-tender ġiet awarded, jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jibda x-xogħol biex tinbena mill-ġdid Triq Sir Arturo Mercieca fir-Rabat, Għawdex, peress li tinsab fi stat ħażin ħafna?

27/11/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**ĦAL TARXIEN - PJAZZA TA' QUDDIEM IL-KNISJA ARĊIPRETALI - XOGĦLIJIET**

**14254. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Arċipretali ta' Ħal Tarxien? Jista' wkoll jikkonferma li dan ix-xogħol kellu jibda wara li għaddiet il-festa tad-Duttrina f'Lulju 2023 u s'issa għadu ma sar xejn?

15/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**KALKARA CREEK - PROPOSTA TA' YACHT MARINA**

**14255. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hemmx pjanijiet li ssir Yacht Marina bejn il-Kalkara u l-Birgu proprju fiż-żona msejħa Kalkara Creek, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti u/jew dokumenti oħrajn li jeżistu dwar dan il-proġett?

15/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**BIRGU / KALKARA - YACHT MARINA - KONSULTAZZJONI**

**14256. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar dak li ssemma bħala Yacht Marina f'Kalkara Creek (fid-daħla bejn il-Birgu u l-Kalkara) u jekk iva, meta saret din il-konsultazzjoni u fiex kienet tikkonsisti?

15/12/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Birgu illi l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien ikkonsultat minn Transport Malta dwar l-organizazzjoni tal-mażżri fl-istess żona u kif ukoll sabiex l-istess mażżri jiġu regolarizzati u b'hekk kollox ikun skont il-liġi.

Seduta 192
09/01/2024

**BIRGU / KALKARA - YACHT MARINA - KONSULTAZZJONI**

**14257. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara dwar dak li ssemma bħala Yacht Marina f'Kalkara Creek (fid-daħla bejn il-Birgu u l-Kalkara) u jekk iva, meta saret din il-konsultazzjoni u fiex kienet tikkonsisti?

15/12/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara li saru diskussjonijiet ma' Transport Malta dwar l-organizzazzjoni tal-mażżri.

Seduta 192
09/01/2024

**AĠENZIJA SEM – KUNTRATT TAL-EX CEO**

**14258. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti r-raġunijiet għalfejn il-kuntratt tal-Eks CEO tal-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM), li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament, ma ġiex imġedded?

15/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**AĠENZIJA SEM – KUNTRATT TAL-EX CEO**

**14259. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'kien il-pakkett finanzjarju tal-Eks CEO tal-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament?

15/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BIDLIET FIL-POLICIES**

**14266. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14228 u jgħid kemm saru bidliet fil-policies applikati mill-Awtorità tal-Ippjanar mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll liema kienu dawn il-bidliet, u f'kull każ, x'wassal għal dawn il-bidliet?

18/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14271. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 192
09/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14272. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 192
09/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14273. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13729.

Seduta 192
09/01/2024

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14274. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, tista' tipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa tispeċifika u tgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14275. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**EKS MALTA SHIPBUILDING – AVVENIMENTI**

**14276. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk intefqux flus pubbliċi biex is-sit tal-Eks Malta Shipbuilding jiġi preparat biex jospita konferenzi u fieri? Jekk iva, jista' jipprovdi elenku tal-ammonti kollha li ntefqu, u f'kull nefqa jispeċifika u jgħid jekk din ingħatatx b'tender, direct order, jew mod ieħor?

19/12/2023

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - ALLOWANCES**

**14293. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - ALLOWANCES**

**14294. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tħallasx l-allowances li kien intitolat għalihom bħala parti mill-pakkett tiegħu? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-individwu sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - ALLOWANCES**

**14295. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tħallasx l-allowances li kien intitolat għalihom bħala parti mill-pakkett tiegħu? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni sena b'sena sa minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat

Seduta 192
09/01/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - ALLOWANCES**

**14296. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tħallasx l-allowances li kien intitolat għalihom bħala parti mill-pakkett tiegħu? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni sena b'sena sa minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - ALLOWANCES**

**14297. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tħallasx l-allowances li kien intitolat għalihom bħala parti mill-pakkett tiegħu? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni sena b'sena sa minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI - ALLOWANCES**

**14298. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tħallasx l-allowances li kien intitolat għalihom bħala parti mill-pakkett tiegħu? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni sena b'sena sa minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14304. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13575, 13918 u 14127 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

20/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninfurmah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Luqa) |
|---|---|
| 2018 | 153 |
| 2019 | 162 |
| 2020 | 171 |
| 2021 | 178 |
| 2022 | 186 |
| 2023 | 201 |

Seduta 192
09/01/2024

**IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14305. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13576, 13919 u 14128 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti s-Siġġiewi, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

20/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninfurmah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Siġġiewi) |
|---|---|
| 2018 | 603 |
| 2019 | 639 |
| 2020 | 666 |
| 2021 | 696 |
| 2022 | 730 |
| 2023 | 766 |

Seduta 192
09/01/2024

**ĦAL KIRKOP - RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**14306. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13577, 13943 u 14163 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Kirkop, full-time u part-time, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u possibbilment sena b'sena?

20/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninfurmah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers (Kirkop) |
|---|---|
| 2018 | 79 |
| 2019 | 83 |
| 2020 | 88 |
| 2021 | 93 |
| 2022 | 96 |
| 2023 | 99 |

Seduta 192
09/01/2024

**BDIEWA REĠISTRATI**

**14307. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13578, 13944 u 14164 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, mis-sena 2013 sas-sena 2017 u possibbilment sena b'sena?

20/12/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti filwaqt li ninfurmah li ma tinżammx informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex full-time jew part-time.

| Year | Number of registered farmers |
|---|---|
| 2013 | 6,777 |
| 2014 | 7,778 |
| 2015 | 8,118 |
| 2016 | 8,763 |
| 2017 | 9,350 |

Seduta 192
09/01/2024

**SENA SKOLASTIKA 2023-2024 –ASSENTEIŻMU - TAĦRIKIET**

**14377. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi data dwar kemm ħarġu taħrikiet matul is-sena skolastika attwali lill-ġenituri li mhumiex jibagħtu lit-tfal tagħhom jew li huma taħt il-kustodja tagħhom, l-iskola? Jista' wkoll jipprovdi din id-data skont l-iskola u l-Kulleġġ għal kull student/a?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena skolastika s'issa ħarġu total ta' 170 taħrika lill-ġenituri. Għal fini ta' sigurta u privatezza, il-kumplament tal-informazzjoni mhux se tiġi ppublikata.

Seduta 192
09/01/2024

**KALKARA – SKOLA PRIMARJA - SOQFA TA' PERIKLU**

**14378. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx rapporti dwar xi saqaf jew parti minnu / soqfa jew partijiet minnhom li jista' jkun / jistgħu jkunu perikoluż/i fl-iskola primarja tal-Kalkara?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 192
09/01/2024

**ĦAL GĦAXAQ – SKOLA - XOGĦLIJIET**

**14379. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaċċerta lill-ġenituri u lill-edukaturi li x-xogħlijiet li saru fl-iskola ta' Ħal Għaxaq huma ċertifikabbli u siguri kompletament?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li x-xogħlijiet li saru mill-FTS fl-iskola msemmija huma ċertifikabbli u siguri.

Seduta 192
09/01/2024

**LAQGĦAT BEJN IL-GVERN U KUMPANIJI PRIVATI**

**14390. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta saru l-laqgħat bejn rappreżentanti tal-Gvern u rappreżentanti tal-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll min attenda u jekk jeżistux minuti ta' dawn il-laqgħat?

28/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien qatt ma ltqajt mas-Sur Changpeng Zhao.

Seduta 192
09/01/2024

**TAXXA PAGABBLI LILL-GVERN**

**14391. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, għandhomx jagħtu flejjes f'taxxa lill-Gvern Malti u kemm huwa l-ammont?

28/12/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – ATTIVITAJIET SOĊJALI - NEFQA**

**14409. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk fis-sena 2023 intefqux flus f'attivitajiet soċjali mill-fond tas-saħħa mentali tal-Isptar Mount Carmel?

02/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MATER DEI – ĊENTRU TAL-ONKOLOĠIJA - XOGĦLIJIET**

**14410. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont tax-xogħol li qed isir biswit iċ-Ċentru tal-Onkoloġija f'Mater Dei u meta ser ikun lest?

02/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**ĦAL QORMI – ĊENTRU TAS-SAĦĦA - XOGĦLIJIET**

**14411. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal ix-xogħol fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi u meta ser ikun qed jitlesta?

02/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - PERSUNI INGAĠĠATI BĦALA PERSON OF TRUST JEW POLITICAL APPOINTMENT**

**14412. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-ismijiet tal-persuni li huma ingaġġati mal-Ministeru tiegħu bħala person of trust jew li ngħataw political appointment?

02/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - PERSUNI INGAĠĠATI BĦALA PERSON OF TRUST JEW POLITICAL APPOINTMENT**

**14413. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'titlu jokkupaw il-persuni li huma ingaġġati mal-Ministeru tiegħu bħala person of trust jew li ngħataw political appointment?

02/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - PERSUNI INGAĠĠATI BĦALA PERSON OF TRUST JEW POLITICAL APPOINTMENT - SALARJI**

**14414. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'salarji jingħataw il-persuni li huma ingaġġati mal-Ministeru tiegħu bħala person of trust jew li ngħataw political appointment, għal kull pożizzjoni li ngħataw?

02/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SERVIZZ TA' ASSISTENZA PERSONALI – UŻU TAS-SUSSIDJU**

**14455. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13960 tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna preżentement qiegħda tibbenefika minn sussidju għal Direct Payment, għal Independent Community Living, u għal Assistenti Personali, maqsuma separatament? Għal kull kategorija tista' tispeċifika l-etajiet ta' dawk li qegħdin jibbenefikaw minn tali sussidju?

03/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**HOUSING DEVELOPMENT FUND**

**14456. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilu mwaqqaf il-Housing Development Fund, kemm hemm fondi f'dan il-fond u x'tip ta' investiment sar minn mindu twaqqaf? Kemm kien l-investiment li sar f'kull każ u fejn jinstabu l-postijiet li fihom saru l-investimenti? Jista' jgħid ukoll f'liema lokalitajiet hu mistenni li jkun hemm investimenti matul is-sena 2024?

03/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Housing Development Fund twaqqaf fis-sena 2022. Sar investiment ta' €1.5 miljun fi proġetti fil-Birgu, Birkirkara, Bormla, San Ġwann, fil-Belt Valletta, Imtarfa, Ħal Qormi, Fgura, Żebbuġ, Ħ'Attard u f'numru ta' Djar Residenzjali tat-tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS). Fis-sena 2024, ser jiġu mnedija proġetti ġodda fil-Kalkara, Mosta, Santa Luċija, San Ġiljan, Ħaż-Żebbuġ u Bormla.

Seduta 192
09/01/2024

**QAWRA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA - PJANTI**

**14457. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti oriġinali li kienu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' ċentru tas-saħħa fil-Qawra? Jista' jqiegħed ukoll kopja tal-pjanti mibdula li ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-istess ċentru tas-saħħa?

03/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**IL-FURJANA - TRIQ FRANGISK SAVER FENECH – ĠBIR TA’ ŻEBBUĠ**

**14463. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li ż-żebbuġ li hemm fis-siġar taż-żebbuġ fi Triq Frangisk Saver Fenech, il-Furjana, jiġu miġbura?

03/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta’ avviż ta’ din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn, 15 ta’ Jannar 2024.*

**FURJANA - TRIQ FRANGISK SAVER FENECH – ĠBIR TA’ ŻEBBUĠ**

**14464. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li ż-żebbuġ li hemm fis-siġar taż-żebbuġ fi Triq Frangisk Saver Fenech, il-Furjana, jiġu miġbura?

03/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**FURJANA - TRIQ FRANGISK SAVER FENECH – ĠBIR TA’ ŻEBBUĠ**

**14465. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li ż-żebbuġ li hemm fis-siġar taż-żebbuġ fi Triq Frangisk Saver Fenech, il-Furjana, jiġu miġbura?

03/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Furjana li l-parir li ngħata lill-Kunsill dwar il-ġbir taż-żebbuġ huwa li dan m’għandux jinġabar wara Ottubru għax wara dan iż-żmien ma jibqax tajjeb u għaldaqstant m’hemmx ħsieb li dan jinġabar.

Seduta 192
09/01/2024

**IMWIET U TWELID REĠISTRATI - 2023**

**14466. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista’ l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f’pajjiżna matul l-2023?

03/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 192
09/01/2024

**IMWIET U TWELID REĠISTRATI - 2023**

**14467. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f'pajjiżna matul l-2023?

03/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din l-informazzjoni ser tiġi ppubblikata iktar tard matul din is-sena.

Seduta 192
09/01/2024

**KUNSILL TAS-SIGURTÀ TAL-ĠNUS MAGĦQUDA - RAPPORT TA' ĦIDMA**

**14468. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport tal-ħidma ta' Malta fil-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda matul is-sena li għaddiet?

03/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport tal-ħidma ta' Malta fil-Kunsill tas-Sigurta' tal-Ġnus Magħquda ta' matul l-aħħar sena.

Seduta 192
09/01/2024

**NAXXAR - TRIQ IL-FORTIZZA TAL-MOSTA - ROTOT TAL-LINJA**

**14507. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma r-rotot tal-linja li jgħaddu minn Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar? Jista' jgħid ukoll jekk hux possibbli li tiżdied il-frekwenza ta' dawn l-istess rotot u jara li jkun hemm bus shelters f'din it-triq?

04/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**TRASPORT PUBBLIKU - ROTTA GĦAR-RESIDENTI TAL-WARDIJA**

**14508. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11821, jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi kien hemm dwar ir-rotta għall-vjaġġi tal-karozzi tal-linja sabiex jingħata servizz lir-residenti tal-Wardija f'diversi ħinijiet matul il-ġurnata?

04/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET SOLVUTI**

**14527. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13852, u jgħid matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il każ tal-Home Ownership Scheme solviet l-Awtorità tal-Artijiet? Jista' għal kull każ jindika kemm ingħata kumpens lis-sidien oriġinali u jindika n-numru ta' każijiet solvuti u l-kumpens imħallas lokalità b'lokalità?

04/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**AVVIŻI - NUMRI TAL-BIBIEN ĠODDA**

**14528. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13851, u jgħid minn fejn wieħed jista' jaċċessa lista ta' avviżi ppubblikati qabel l-2013, relatati ma' eżerċizzji li saru biex jiġu assenjati numri tal-bibien ġodda?

04/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-Address Management Unit fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali twettaq riċerki relatati ma' numerar ta' bibien u tismija ta' toroq mill-1997 sal-lum il-ġurnata fuq talbiet li jsiru bil-miktub.

L-istess unit qed taħdem fuq websajt fejn il-pubbliku se jkollu l-opportunità jaċċessa dawn ir-riċerki onlajn.

Barra minn hekk din l-istess Unit se tibda tirriċerka kull notifikazzjoni uffiċjali li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern relatata man-numerar ta' bibien u t-tismija ta' toroq sa mill-ewwel pubblikazzjoni li tmur lura għal iktar minn 135 sena. Dan se jkun qed jinvolvi xogħol vast u metikoluż biex jiġu skenjati eluf ta' paġni tal-Gazzetta tal-Gvern.

Seduta 192
09/01/2024

**ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ - STANDARD OPERATING PROCEDURES**

**14536. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AACC) topera mingħajar ebda 'standard operating procedures' interni? Jista' jgħid ukoll meta ser ikunu qed isiru dawn il-proċeduri sabiex jassigura li r-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku jiġu osservati?

04/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**KAŻ TA' INDIVIDWU - INKJESTA**

**14542. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13358, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għalfejn il-familja ma ġietx infurmata li għaddejja inkjesta fuq il-mewt tal-pazjent li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

05/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**INFERMIERA U QWIEBEL BI DUAL JEW CONCURRENT APPOINTMENT**

**14543. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm infermiera u qwiebel bi dual jew concurrent appointment mill-25 ta' Settembru 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni ntalbu jagħżlu liema appointment iridu jżommu wara l-ftehim settorjali mal-infermiera u l-qwiebel f'Settembru 2023?

05/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**INFERMIERA U QWIEBEL - FTEHIM SETTORJALI**

**14544. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk wara l-ftehim settorjali mal-infermiera u l-qwiebel ta' Settembru 2023, sarx kalkolu ħażin fiż-żieda, it-tnaqqis u d-differenza fl-allowances marbuta mal-overtime tal-istess infermiera u qwiebel, liema kalkolu żbaljat wassal biex numru konsiderevoli ta' infermiera u qwiebel spiċċaw ħallsu taxxa ferm għola minn dik li normalment iħallsu?

05/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SPTAR MATER DEI – PERSUNI TAĦT L-INFLUWENZA TAL-ALKOĦOL U/JEW DROGA LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**14545. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, ġurnata b'ġurnata, kemm daħlu persuni fl-emerġenza tal-Isptar Mater Dei taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew droga mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2023?

05/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SPTAR MATER DEI – PERSUNI BI PROBLEMI TA' SAĦĦA MENTALI U PSIKJATRIĊI LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**14546. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, ġurnata b'ġurnata, kemm daħlu persuni fl-emerġenza tal-Isptar Mater Dei minħabba problemi ta' saħħa mentali u psikjatriċi mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2023?

05/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*

**SPTAR MATER DEI - PSYCHIATRIC UNIT**

**14547. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Psychiatric Unit fl-Isptar Mater Dei għadux magħluq? Jekk iva, meta għalaq u għalfejn, u jekk le, meta għalaq u meta reġa' nfetaħ?

05/01/2024

*Skont deċiżjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-8 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' din il-mistoqsija qiegħed jiġi estiż b'dan illi t-tweġiba għal din il-mistoqsija ser tingħata fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.*